MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 734/2003

Maruti Motors Limited
vs
Frank u Monica konjugi Roe

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 t'April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tliet mija u erbgha liri Maltin u tmien centezmi (LM 304.08) dovuti skond sitt kambjali li gew iffirmati minnhom u li kollha skadew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-itta ufficjali datata 28 ta' Jannar, 2003, u tal-parir (LM12) kontra s-socjeta'

konvenuta u bl-imghax kontra l-istess socjeta’ mid-data ta’ kull skadenza.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma prezentawx risposta.

Ra n-nota ta’ l- Avv Dr Louis Bianchi li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tliet mija u erbgha liri Maltin u tmien centezmi (LM304.08) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------